**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 9 ta' Ottubru 2024**

Talba Numru: 60/2024 CC

**Anna Maria Navarro (ID: 555660 (M))**

**Vs**

**Andrew Camilleri (ID: 0349074 (M)) f'ismu personali u eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem Camilleri Woodwork**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-4 ta' Marzu 2024, fejn l-attriċi talbet sabiex it-Tribunal jiddikjara li d-dejn ta' tlett elef ewro (€3,000.00c) huwa ċert likwidu u dovut u jordna lil-konvenut sabiex iħallas s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000.00c) lill-attriċi, liema ammont kien tħallas mill-attriċi lil konvenut bħala depożitu għal xogħol li l-konvenut kellu jagħmel lill-istess attriċi, liema xogħol baqa' qatt ma sar mill-konvenut.

L-Attriċi talbet ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Ra li minkejja li l-kovenut ġiet debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-konvenut naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu preskritt mil-liġi  u rappreżentant legali tiegħu dehret darba biss għas-smigħ ta' dan il-proċediment.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa'.

Semgħa u ra x-xhieda.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra**

Fis-sentenza **G.M.F Precast Limited vs Franmar Limited** deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-14 ta' Lulju 2022 ingħad li:

*"Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din lahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto" (SALVATORE LA ROSA, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara in re* ***Giuseppe Gerada v. Salvu Attard*** *(Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959); id-decizjoni riportata f'Kollez. Vol XXIX-III-35; il-kawza in re* ***Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et*** *(Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010); id-decizjoni in re* ***Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u in re* ***Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim*** *(Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti*

*ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.*

*Sa zmien pjuttost recenti, il-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) kompliet tikkonsolida dan il-hsieb u orjentament guridiku hekk kif rifless fis-sentenza in re* ***Absolute Services Ltd v. Stefan Darmenia****, moghtija fil-11 ta' Novembru, 2020. Hija wkoll interessanti s-sentenza ta' dan it-Tribunal, izda diversament presedut, in re* ***Complex Co. Ltd v. Clive May****, emessa fis-27 ta' Mejju, 2021, li mhux biss thaddan u tirrikalka l-insenjamenti hawn fuq esposti, imma tkompli tamplifika t-tematika de quo b'senjalazzjonijiet gurisprudenzjali ulterjuri."*

**Ikkunsidra**

Illi it-Tribunal sejjer jara l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u dan sabiex eventwalment jiġi determinat jekk permezz tal-provi mressqa mill-attriċi, it-talbiet ta' l-istess attriċi għandhomx jiġu milqugħa.

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi Anna Maria Navarro sostniet li hija sid ta' propjeta' fl-indirizz 21, Triq San Piju, V, Tas-Sliema, li hija townhouse b'karratteristiċi antiki, inkluż sal-2019, aperturi mal-faċċata li kienu jikkonsistu f'gallarija magħluqa, u twieqi bil-louvers u purtelli, lkoll tal-aluminiuum.

Sostniet li fl-2019 hija bdiet tfittex mastrudaxxa  sabiex tibdel l-aperturi tagħha għal dawk tal-injam. Dak iż-żmien min kien qiegħed jagħmel dawn ix-xogħlijiet kien eliġibbli għall-iskema Irrestawra Darek.

Fl-affidavit tagħha l-attriċi Anna Maria Navarro sostniet li fl-2019 hija kienet tkellmet ma ċertu Andrew Camilleri, mastrudaxxa li jaħdem taħt l-isem Camilleri Woodworks.

Andrew Camilleri kien taha stima, li ġiet annessa mal-affidavit u mmarkata DOK AMN 3 u il-partijiet ftehmu fuq ix-xogħol li kellu jsir u fuq il-prezzijiet.

L-Attriċi Anna Maria Navarro sostniet li fid-29 ta' Marzu 2019 hija ħallset l-ewwel depożitu ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) lil konvenut Andrew Camilleri.

Fis-26 ta' Lulju 2019, il-konvenut Andrew Camilleri talab lill-attriċi depożitu ieħor ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) u hija aċċettat li tħallsu elf u ħames mitt euro (€1500) oħra.

Għalhekk b'kollox l-attriċi Anna Maria Navarro, ħallset lil konvenut Andrew Camilleri s-somma ta' tlett elef ewro (€3000) f'depożitu.

Wara li l-attriċi ħallset it-tieni depożitu, huwa kien żarma l-gallarija l-qadima u infurmaha li temporanjament hija kienet se titħalla biss bil-bieb intern.

Naturalment minħabba li ġiet żarmata l-gallarija u tħalla biss il-bieb intern li kien jagħti għal barra, l-binja kienet fi stat perikoluż, iżda l-konvenut kien assigura lill-attriċi li dak kien biss għaż-żmien li huwa kellu bżonn sabiex jagħmel il-gallarija l-ġdida.

L-attriċi fl-affidavit tagħha sostniet li ż-żmien beda għaddej, u hija bdiet tikkuntatja lil konvenut biex tara fiex kien wasal fix-xoghlijiet u huwa kien dejjem iġib l-iskużi. Fis-sena 2022 hija kienet bagħtitlu ittra bl-avukat li iżda injoraha. Fit-22 ta' Frar 2023 l-attriċi kienet bagħtet ittra uffiċjali lil konvenut, liema ittra uffiċjali ġiet annessa mal-affidavit u mmarkata DOK AMN 4.

L-attriċi Anna Maria Navarro fl-affidavit tagħha ssostni li minkejja dan kollu u minkejja li għaddew erbgħa snin, l-konvenut Andrew Camilleri baqa' ma għamilx ix-xogħol li tiegħu hija kienet ħalsitu tlett elef ewro (€3000) depożitu.

Fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2024, l-attriċi Anna Marie Navarro xehdet bil-ġurament tagħha li li l-konvenut Andrew Camilleri baqa' ma rrifondiehx lura lilha d-depożitu li hija kienet ħalsitu u cjoe l-ammont ta' tlett elef ewro (€3000).

**Ikkunsidra**

It-Tribunal isostni li t-talbiet tal-attriċi fil-konfront tal-konvenut jirriżultaw kkonfermati mill-affidavit tagħha u anke mid-dokumenti eżebiti minnha.

Għalhekk it-Tribunal se jkun qiegħed jilqa t-talbiet tal-attriċi u konsegwentament se jkun qiegħed jikkundanna lil konvenut sabiex iħallas lill-istess attriċi s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000.00c).

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' it-talbiet kollha ta' l-attriċi u jikkundanna lill-konvenut Andrew Camilleri sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000.00c).

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**